31998R2091

1.10.1998 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 266/36

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2091/98 tat-30 ta' Settembru 1998 dwar is-segmentazzjoni tal-flotta tas-sajd tal-Komunità u l-isforzi tas-sajd b'relazzjoni mal-programmi multiannwali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3760/92 ta' l-20 ta' Diċembru 1992, li jistabbilixxi sistema Komunitarja għas-sajd u l-akwakultura ([1]), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1181/98 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi b'mod konformi ma' l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3699/93 tal-21 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-kriterji u l-arranġamenti dwar l-għajnuna stutturali tal-Komunità fis-setturi tas-sajd u l-akwakultura u l-ipproċessar u l-bejgħ tal-prodotti tiegħu ([3]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 25/97 ([4]), il-programmi ta' gwida ta' diversi snin għall-perjodu mill-1997/2001 ġew addottati bid-Deċiżjonijiet tal-Komunità 98/119/KE sa 98/131/KE ([5]); billi l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu segwiti dawn il-programmi trid tintbagħat lill-Kummissjoni, inkluża l-informazzjoni dwar l-isforzi tas-sajd għall-bastimenti individwali jew miżjuda b'segmenti tal-flotta jew bil-ħut, skond il-każijiet partikolari;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2090/98 ([6]), jistabbilixxi l-bażi għat-trasmissjoni ta' l-informazzjoni lir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità;

Billi il-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar is-segmentazzjoni tal-flotta tas-sajd u l-isforzi tas-sajd għal kull medda tal-baħar fejn jinqabad il-ħut għall-kummerċ għandhom jirreferu għall-informazzjoni li tinsab fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv għas-Sajd u l-Akwakultura,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Is-segment li miegħu kull bastiment li jidħol fil-flotta tas-sajd jagħmel parti jew kwalunkwe tibdil fis-segment li miegħu kull bastiment eżistenti jagħmel parti jrid jikkomunika mar-reġistru tal-bastiment tas-sajd tal-Komunità b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2090/98.

Il-kodiċi tas-segment li għandhom jintużaw huma dawk murija fl-Anness I.

Il-bastimenti in kwestjoni għandhom jiġu identifikati b'numru intern rekordjat fir-Reġistru tal-Komunità tal-bastimenti tas-sajd, kif indikat fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2090/98.

*L-Artikolu 2*

Għal kull segment li għalih Stat Membru jissottmetti lill-Kummissjoni programm ta' limitazzjoni ta' l-isforzi tas-sajd, jew għal kull medda tal-baħar fejn jinqabad il-ħut għall-kummerċ b'mod konformi ma' l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/413/KE ([7]), jew b'segment li jagħmel tajjeb għal kull arretrati mill-programm ta' gwida multiannwali ta' qabel parzjalment bi tnaqqis fl-attività, il-proċeduri li ġejjin għandhom jiġu addottati:

— l-Istat Membru għandu jiġbor l-informazzjoni individwali fuq l-isforzi tas-sajd tal-bastimenti fis-segment jew medda tal-baħar fejn jinqabad il-ħut għall-kummerċ,

— l-ipproċessar ta' l-informazzjoni bi programm tal-kompjuter għandu jsir mill-Istat Membru,

— it-trasmissjoni lill-Kummissjoni ta' l-informazzjoni individwali jew l-informazzjoni miżjuda mis-segment jew medda tal-baħar fejn jinqabad il-ħut għall-kummerċ għandha ssir sal-31 ta' Marzu mill-iktar tard tas-sena kalendarja ta' qabel b'mod konformi mat-tabelli A u B fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 3*

Għal dawk is-segmenti li jużaw apparat attiv li mhuwiex kopert bil-programmi li għalihom issir referenza fl-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom jiġbru u jipproċessaw l-informazzjoni minima stabblita fl-Anness II meħtieġa sabiex jiġi vverifikat li l-livell ta' attività ta' dawn ma jiżdiedx, jew, jekk jiżdied, sabiex jevalwaw iż-żjieda. Għal dan l-iskop, il-proċeduri li ġejjin għandhom jiġu applikati:

— l-informazzjoni minima stabbilita fl-Anness II li tippermetti l-evoluzzjoni ta' l-attivitajiet tas-sajd għal dawk is-segmenti in kwestjoni li għandhom jiġu sorveljati għandhom ikunu miġbura u ipproċessati mill-Istat Membru. Dettalji tal-metodi tat-teħid ta' kampjuni magħżula għal kull segment tal-flotta, flimkien mal-valuri tal-parametri statistiċi li jiddeskrivu

([1]) ĠU L 389, tal-31.12.1992, p. 1

([2]) ĠU L 164, tad-9.6.1998, p. 1.

([3]) ĠU L 346, tal-31.12.1993, p. 1.

([4]) ĠU L 6, ta' l-10.1.1997, p. 7.

([5]) ĠU L 39, tat-12.2.1998, p, 1, 9, 15, 21, 27, 34, 41, 47, 53, 59, 65, 73 u 79.

([6]) ĠU L 266, tal-1.10.98, p. 27.

([7]) ĠU L 175, tat-3.7.1997, p. 27.

l-preċiżjoni ta' l-estimi ta' l-isforzi tas-sajd, għandhom jiġu komunikati lill-Kummissjoni fil-ħin ta' l-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe proċedura oħra li tagħti riżultati b'reqqa komparabbli għandha tiġi aċċettata kemm-il darba din tkun ġiet approvata mill-Kummissjoni,

— ir-riżultati għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni kull sena sal-31 ta' Marzu mill-iktar tard għas-sena kalendarja preċedenti b'mod konformi mat-tabella B fl-Anness II ta' dan ir-Regolament,

— jekk Stat Membru jistabbilixxi żjieda fl-attivitajiet f'segment partikolari, hu għandu jikkalkula l-effett ta' din iż-żieda fuq l-isforzi tas-sajd għal dan il-parti u għandu jinforma lill-Kummissjoni bir-riżultati b'mod konformi ma' l-Artikolu 2.

*L-Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni li għaliha ssir refererenza f'dan ir-regolament bi trasferiment diġitali fuq in-*network* tat-telekomunikazzjonijiet b'mod konformi mar-regoli u l-kodiċi dettaljati stabbiliti fl-Annessi I u II. Il-Kummissjoni għandha tagħti rċevuta tal-messaġġi malli jkunu ġew validati fid-*database*.

*L-Artikolu 5*

Korrezzjonijiet għall-informazzjoni żballjata għandhom jintbgħatu lill-Kummissjoni fi żmien 30 jum mid-data meta l-iżball jiġi skopert.

*L-Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fil-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Settembru 1998.

*Għall-Kummissjoni*

Emma BONINO

*Membru tal-Kummissjoni*

*L-ANNESS I*

**Tabella 1: Kodiċi tas-segmenti u l-medda tal-baħar fejn jinqabad il-ħut għall-kummerċ tal-MAGP IV li għandhom jintużaw għal avvenimenti li jseħħu fl-1 ta' Jannar 1997 jew wara**

| Pajjiż | Żona | Ħażniet | Segment | Kodiċi tas–segment | Medda fejn isir is-sajd | Kodiċi tal-medda fejn isir is-sajd |
|---|---|---|---|---|---|---|
| BEL | Ibħra fil-KE | Demersali u Ħut ċatt | Xbieki tat-tkaxkir bit-travu | 4A1 | | |
| BEL | Ibħra fil-KE | Demersali u Ħut ċatt | Bastimenti tat-tkaxkir għad-demersali | 4A2 | | |
| BEL | | | Mhux koperti mill-MAGP | 4AZ | | |
| DNK | Ibħra ta' mal-kosta | | Kostali fuq skala żgħira < 12 m | 4B1 | | |
| DNK | Ibħra fil-KE | Demersali u ħut ċatt | Xbieki (*netters*) | 4B2 | | |
| DNK | Ibħra fil-KE u internazzjonali | Demersali, ħut ċatt, krustaċej u pelaġiċi | Vapuretti u bastimenti li jistadu bit-tartarun (Tartaruni Daniżi) | 4B3 | | |
| DNK | Ibħra fil-KE u internazzjonali | Pelaġiċi | Bastimenti li jistadu bit-tartaruni bl-ixkora u vapuretti pelaġiċi | 4B4 | | |
| DNK | | | Mhux koperti mill-MAGP | 4BZ | | |
| DEU | Il-Baħar Baltiku u tat-Tramuntana | Demersali u aringi | Kostali fuq skala żgħira < 12 m | 4C1 | | |
| DEU | Il-Baħar Baltiku u tat-Tramuntana | Demersali | Tagħmir passiv > 12m | 4C2 | | |
| DEU | Il-Baħar Baltiku u tat-Tramuntana | Demersali | Vapuretti | 4C3 | | |
| DEU | Il-Baħar tat-Tramuntana | Ħut ċatt | Xbieki tat-tkaxkir bit-travu | 4C4 | Ħut ċatt Baħar ta'Fuq | F1 |
| DEU | Il-Baħar tat-Tramuntana | Ħut ċatt u krustaċej | Xbieki tat-tkaxkir bit-travu (lista I u II) | 4C5 | | |
| DEU | Ibħra fil-KE | Pelaġiċi | Vapuretti | 4C6 | Ibħra pelaġiċi fil-KE | F1 |
| DEU | Pajjiż terz, NAFO, NEAFC, I-Ibħra fil-KE | Demersali | Vapuretti | 4C7 | | |
| DEU | | | Mhux koperti mill-MAGP | 4CZ | | |
| GRC | Ibħra kostali | | Kostali fuq skala żgħira < 12m | 4D1 | | |
| GRC | Il-Mediterran | Demersali | | 4D2 | | |
| GRC | Il-Mediterran | Pelaġiċi | Gri-gri | 4D3 | | |
| GRC | Il-Mediterran | Sponoż | | 4D4 | | |
| GRC | Il-Mediterran | Pelaġiċi u demersali | >12-il metro | 4D5 | | |
| GRC | Ibħra internazzjonali | Demersali | | 4D6 | | |
| GRC | | | Mhux koperti mill-MAGP | 4DZ | | |
| ESP | Ibħra fil-KE | Demersali u pelaġiċi | Artiżanali < 12m | 4E1 | | |
| ESP | Ibħra fil-KE | Demersali | Vapuretti | 4E2 | | |
| ESP | Ibħra fil-KE | Demersali, pelaġiċi u ħut bħat-tonn | Tagħmir fiss | 4E3 | | |
| ESP | Ibħra fil-KE | Pelaġiċi | Tartaruni bl-ixkora | 4E4 | | |
| ESP | Ibħra internazzjonali u ta' pajjiżi terzi | Demersali u pelaġiċi | Tagħmir għax-xbieki tat-tkaxkir u tagħmir li mhuwiex fiss | 4E5 | | |
| ESP | Ibħra internazzjonali u ta' pajjiżi terzi | | Tagħmir fiss | 4E6 | | |

| Pajjiż | Żona | Ħażniet | Segment | Kodiċi tas–segment | Medda fejn isir is-sajd | Kodiċi tal-medda fejn isir is-sajd |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ESP | Ibħra internazzjonali u ta' pajjiżi terzi | Demersali, pelaġiċi u ħut bħat-tonn | Flotta tat-tonn | 4E7 | | |
| ESP | | | Mhux koperti mill-MAGP | 4EZ | | |
| FRA | Ibħra fil-KE | | Kostali fuq skala żgħira < 12 m | 4F1 | | |
| FRA | L-Atlantiku, Kanal, Baħar tat-Tramuntana | Demersali u pelaġiċi | Vapuretti 0-30 m | 4F2 | | |
| FRA | L-Atlantiku, Kanal, Baħar tat-Tramuntana | Demersali u pelaġiċi | Vapuretti > 30 m | 4F3 | L-Atlantiku, Kanal, Baħar tat-Tramuntana, Demersali u pelaġiċi | F1 |
| FRA | L-Atlantiku, Kanal, Baħar tat-Tramuntana | Demersali u pelaġiċi | Mhux vapuretti 12-25 m | 4F4 | | |
| FRA | L-Atlantiku, Kanal, Baħar tat-Tramuntana | Demersali u pelaġiċi | Mhux vapuretti > 25 m | 4F5 | | |
| FRA | L-Atlantiku, Kanal, Baħar tat-Tramuntana | Pelaġiċi | Vapuretti pelaġiċi > 50 m | 4F6 | L-ibħra tal-Komunità | F1 |
| | | | | | Ibħra internazzjonali | F2 |
| FRA | Il-Mediterran | Demersali u pelaġiċi żgħar | Speċjalizzat fuq skala żgħira | 4F7 | | |
| FRA | Il-Mediterran | Demersali u pelaġiċi żgħar | Vapuretti | 4F8 | Il-Mediterran, demersali u pelaġiċi żgħar | F1 |
| FRA | Il-Mediterran | Pelaġiċi | Bastimenti li jistadu bit-tartarun | 4F9 | Tonn | F1 |
| | | | | | Pelaġiċi żgħar | F2 |
| FRA | Ibħra internazzjonali | Pelaġiċi | Arblu tad-dakar u bastimenti li jistadu bil-lenzi | 4FA | | |
| FRA | Ibħra internazzjonali | Pelaġiċi kbar (Tonn) | Bastimenti li jistadu bit-tartarun | 4FB | | |
| FRA | *Réunion* | Demersali u pelaġiċi | < 12-il metru | 4FC | | |
| FRA | *Réunion* | Pelaġiċi | Bastimenti tat-tonn | 4FD | | |
| FRA | *Réunion* | Pelaġiċi | Oħrajn >12 -il metru | 4FE | | |
| FRA | *Guyane* | Demersali u pelaġiċi | < 12-il metru | 4FF | | |
| FRA | *Guyane* | Krustaċej | Bastimenti tal-gambli | 4FG | | |
| FRA | *Guyane* | Pelaġiċi | Bastimenti li jbaħħru 'l barra mix-xtut | 4FH | | |
| FRA | *Martinique* | Demersali u pelaġiċi | < 12-il metru | 4FJ | | |
| FRA | *Martinique* | Pelaġiċi | >12-il metru | 4FK | | |
| FRA | *Guadeloupe* | Demersali u pelaġiċi | < 12-il metru | 4FL | | |
| FRA | *Guadeloupe* | Pelaġiċi | > 12-il metru | 4FM | | |
| FRA | | | Mhux koperti mill-MAGP | 4FZ | | |
| IRL | Ibħra fil-KE | Demersali u pelaġiċi | Xbieki polivalenti | 4G1 | | |
| IRL | Ibħra fil-KE | Pelaġiċi | Tat-tkaxkir għall-pelaġiċi u tartaruni bl-ixkora | 4G2 | | |
| IRL | Ibħra fil-KE | Ħut ċatt u demersali | Xbieki tat-tkaxkir bit-travu | 4G3 | | |
| IRL | | | Mhux koperti mill-MAGP | 4GZ | | |
| ITA | Kostali | Demersali u pelaġiċi | Kostali fuq skala żgħira < 12 m | 4H1 | | |
| ITA | Kostali | Demersali u pelaġiċi | Vapuretti tal-qiegħ | 4H2 | | |
| ITA | Kostali | Demersali u pelaġiċi | Vapuretti għall-ħut pelaġiku bil-par | 4H3 | | |

| Pajjiż | Żona | Ħażniet | Segment | Kodiċi tas–segment | Medda fejn isir is-sajd | Kodiċi tal-medda fejn isir is-sajd |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ITA | Kostali | Demersali u pelaġiċi | Polivalenti | 4H4 | | |
| ITA | Kostali | Demersali | Tartaruni bl-ixkora żgħar | 4H5 | | |
| ITA | Kostali | Demersali u pelaġiċi | Karrakki tal-ħama idrawliċi | 4H6 | | |
| ITA | Il-Mediterran | Demersali | Vapuretti polivalenti tal-qiegħ | 4H7 | | |
| ITA | Il-Mediterran | Demersali | Polivalenti mhux vapuretti | 4H8 | | |
| ITA | Il-Mediterran | Pelaġiċi | Tartaruni bl-ixkora għat-tonn | 4H9 | | |
| ITA | Il-Mediterran | Demersali u pelaġiċi | Flotta tal-pixxispad | 4HA | | |
| ITA | Oċejani | Demersali u pelaġiċi | Vapuretti u tartaruni bl-ixkora | 4HB | | |
| ITA | | | Mhux koperti mill-MAGP | 4HZ | | |
| NLD | Ibħra kostali | | Kostali fuq skala żgħira < 12 m | 4J1 | | |
| NLD | Ibħra tal-KE, pajjiżi terzi u internazzjonali | Pelaġiċi u demersali | Vapuretti pelaġiċi | 4J2 | Ibħra tal-KE, pajjiżi terzi u internazzjonali, pelaġiċi u demersali | F1 |
| NLD | Ibħra fil-KE | Ħut ċatt, pelaġiċi u demersali | Dgħajjes b'arblu wieħed u żewġt iqlugħ (*cutters*) >221 kW | 4J3 | Ħut ċatt, pelaġiċi u demersali, ibħra fil-KE | F1 |
| NLD | Ibħra fil-KE | Ħut ċatt, pelaġiċi u demersali | Dgħajjes b'arblu wieħed u żewġt iqlugħ Ewropej (*Eurocutters*) < 221 kW | 4J4 | Ħut ċatt, pelaġiċi u demersali, ibħra fil-KE | F1 |
| NLD | Ibħra fil-KE | | Bastimenti żgħar | 4J5 | | |
| NLD | | | Mhux koperti mill-MAGP | 4JZ | | |
| PRT | ICES IXa | Demersali | Kostali fuq skala żgħira < 12 m | 4K1 | | |
| PRT | ICES IXa, IXb, X u CECAF | Demersali | Tagħmir fiss > = 12 m | 4K2 | | |
| PRT | VIIIċ, IXa u IXb | Demersali u kavalli | Xibka tat-tkaxkir | 4K3 | | |
| PRT | ICES IXa | Pelaġiċi żgħar | Tartarun | 4K4 | | |
| PRT | Ibħra internazzjonali | Demersali u pelaġiċi | Xibka tat-tkaxkir polivalenti u lenzi twal kostali fuq skala żgħira < 12 m | 4K5 | | |
| PRT | CECAF | Demersali | | 4K6 | | |
| PRT | CECAF u ibħra internazzjonali | Demersali u pelaġiċi | Tagħmir fiss >= 12 m | 4K7 | | |
| PRT | CECAF u ibħra internazzjonali | Pelaġiċi | Tartarun | 4K8 | | |
| PRT | ICES X | Demersali | Kostali fuq skala żgħira < 12 m | 4K9 | | |
| PRT | ICES X u ibħra internazzjonali | Demersali u pelaġiċi | Tagħmir fiss >= 12 m | 4KA | | |
| PRT | | | Mhux koperti mill-MAGP | 4KZ | | |

| Pajjiż | Żona | Ħażniet | Segment | Kodiċi tas–segment | Medda fejn isir is-sajd | Kodiċi tal-medda fejn isir is-sajd |
|---|---|---|---|---|---|---|
| FIN | Baltiċi, ICES IIIbċd | Pelaġiċi, salamun | Kostali fuq skala żgħira < 12 m | 4L1 | | |
| FIN | Baltiċi, ICES IIIbċd | Pelaġiċi | Vapuretti | 4L2 | | |
| FIN | Baltiċi, ICES IIIbċd | Demersali | Vapuretti | 4L3 | | |
| FIN | Baltiċi, ICES IIIbċd | Salamun, demersali | Tagħmir passiv | 4L4 | | |
| FIN | | | Mhux koperti mill-MAGP | 4LZ | | |
| SWE | Baltiku, *Kattegat* u *Skagerrak* | | Kostali fuq skala żgħira < 12 m | 4M1 | | |
| SWE | *Kattegat, Skagerrak* u l-Baħar tat-Tramuntana | Gambli u demersali | Vapuretti | 4M2 | | |
| SWE | Baltiku, *Kattegat, Skarregat* Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Baħar | Pelaġiċi | Vapuretti, tartaruni bl-ixkora | 4M3 | | |
| SWE | Il-Baħar Baltiku u tat-Tramuntana | Bakkaljaw u *Nephrops* | Vapuretti tal-qiegħ | 4M4 | Baltiku, *Kattegat, Skarregat* u Baħar tat-Tramuntana, Bakkaljaw u *Nephrops* | F1 |
| SWE | Baltiku | Bakkaljaw | Bastimenti bit-tagħmir passiv > 12m | 4M5 | | |
| SWE | Baltiku | Salamun | Bastimenti bit-tagħmir passiv > 12m | 4M6 | | |
| SWE | | | Mhux koperti mill-MAGP | 4MZ | | |
| GBR | | | Kostali fuq skala żgħira < 10 m | 4N1 | | |
| GBR | Ibħra fil-KE | Pelaġiċi | Xbieki tat-tkaxkir għall-pelaġiċi u tartaruni bl-ixkora | 4N2 | Baħar tat-Tramuntana, aringi IV, VIId | F1 |
| | | | | | Pelaġiċi tal-punent, Vb, VI, VII ex VIId, VIII | F2 |
| | | | | | Ibħra esterni (Aringi tal-Atlantiku-Skandivu) | F3 |
| | | | | | Merlangu ikħal (*blue whiting*) IV, VI, VII, VIII | F4 |
| GBR | Ibħra fil-KE | Ħut ċatt | Xbieki tat-tkaxkir bit-travu | 4N3 | Ħut ċatt IV | F1 |
| | | | | | Ħut ċatt VII, VI | F2 |
| GBR | Ibħra fil-KE | Demersali | Xbieki tat-tkaxkir għad-demersali, tartaruni, *Nephros* | 4N4 | Demersali IV, Vb, VI, VII, VIII | F1 |
| GBR | Ibħra fil-KE | Demersali u pelaġiċi | Lenzi u xbieki | 4N5 | | |
| GBR | Ibħra fil-KE | Frott tal-baħar (u demersali) | Frott tal-baħar fiss | 4N6 | | |
| GBR | Ibħra fil-KE | Frott tal-baħar (u demersali) | Frott tal-baħar mhux fiss | 4N7 | | |
| GBR | Ibħra fil-KE u ibħra internazzjonali | Demersali | Baħar imbiegħed | 4N8 | Ibħra fil -KE | F1 |
| | | | | | Ibħra esterni | F2 |
| GBR | | | Mhux koperti mill-MAGP | 4NZ | | |

**Tabella 2: Kodiċi tas-segmenti tal-MAGP III li għandhom jintużaw għal avvenimenti li jseħħu bejn l-1 ta' Jannar 1992 u fl-1 ta' Jannar 1997**

| Pajjiż | Żona | Tip ta' sajd ("segment") | Żona ICES | Kodiċi |
|---|---|---|---|---|
| BEL | Ibħra Kostali u tal-Komunità | Xbieki (*netters*) u vapuretti tat-travu | IIIa, IV, VII, VIIIa, VIIIb | E10 |
| BEL | Ibħra tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Vapuretti tal-qiegħ | IV, V, VI, VII | G14 |

| Pajjiż | Żona | Tip ta' sajd ("segment") | Żona ICES | Kodiċi |
|---|---|---|---|---|
| DNK | Ibħra Kostali/tal-Komunità/internazzjonali | Bastimenti taħt il-5 grt | — | B08 |
| DNK | Ibħra Kostali/tal-Komunità/internazzjonali | Sajd tal-pelaġiċi | — | B09 |
| DNK | Ibħra Kostali/tal Komunità/internazzjonali | Vapuretti ta' *Greenland* | *Greenland* | B10 |
| DNK | Ibħra Kostali/tal-Komunità/internazzjonali | Vapuretti u bastimenti li jistadu bit-tartarun Daniżi | ICES + Ftehim man-Norveġja, l-Isvezja, *Faroe* | B12 |
| DNK | Ibħra Kostali/tal-Komunità/internazzjonali | Xbieki (*netters*) eċċ. | ICES + Ftehim man-Norveġja, l-Isvezja, *Faroe* | B13 |
| DNK | Ibħra Kostali/tal-Komunità/internazzjonali | Bastimenti li jistadu bit-tartarun | ICES + Ftehim man-Norveġja, l-Isvezja, *Faroe* | B17 |
| DEU | Ibħra kostali | Sajd tal-maskli | — | Ċ10 |
| DEU | Ibħra kostali | Xbieki tat-tkaxkir bit-travu (krustaċej) | — | Ċ11 |
| DEU | Ibħra kostali | Xbieki tat-tkaxkir bit-travu (ħut ċatt) | — | Ċ12 |
| DEU | Ibħra kostali | Xbieki (*netters*) | — | Ċ19 |
| DEU | Ibħra tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Xbieki tat-tkaxkir bit-travu (ħut ċatt) | — | G13 |
| DEU | Ibħra tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Vapuretti tal-qiegħ (b'arblu wieħed u żewġt iqlugħ) (*cutters*) | — | G17 |
| DEU | Ibħra tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Vapuretti pelaġiċi | — | G19 |
| DEU | Ibħra tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Vapuretti b'arblu wieħed u żewġt iqlugħ għall-ħut pelaġiku | Pajjiż tal-KE u pajjiżi terzi | G20 |
| DEU | Ibħra tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Dgħajjes b'arblu wieħed u żewġt iqlugħ tal-lenzi twal (*longlining cutters*) | — | G21 |
| DEU | Ibħra tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Vappuretti kbar tal-friża/mkessħin (*large freezer trawlers*) | Pajjiż tal-KE + ta' l-OSAM + pajjiżi terzi | G22 |
| GRC | Ibħra kostali + il-Mediterran apert | Vapuretti tal-qiegħ | — | E14 |
| GRC | Ibħra kostali + il-Mediterran apert | Tagħmir fiss u bastimenti li jistagħdu bit-tartarun u sajd ta' l-isponoż | — | E20 |
| GRC | Ibħra ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Vapuretti (ta' l-oċejan) | — | G18 |
| ESP | Ibħra Kostali/tal-Komunità/tal-Mediterran | Vapuretti + bastimenti li jintużaw għal skopijiet differenti karrakki tal-ħama (bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 158) | VIIIc, IXa, Med | D10 |
| ESP | Ibħra Kostali/tal-Komunità/tal-Mediterran | Bastimenti li jistadu bit-tartarun għall-pelaġiċi + xbieki eċċ. (*netters*) + Kanarini (+ L-Artikolu 160) | VIIIċ, IXa, Med | D11 |
| ESP | Ibħra ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Vapuretti + bastimenti li jintużaw għal skopijiet differenti | — | G12 |
| ESP | Ibħra ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Bastimenti li jistadu bit-tartarun għall-pelaġiċi + xbieki eċċ. (*netters*) | — | G26 |
| ESP | Ibħra ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Bastimenti tat-tonn | — | G28 |
| FRA | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi | Bastimenti li jintużaw għal skopijiet differenti, tagħmir passiv u pelaġiċi + qasba-u-lenza | — | A10 |
| FRA | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi | Vapuretti li jintużaw għal skopijiet differenti | — | A11 |
| FRA | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi | Bastimenti li jintużaw għal skopijiet differenti, mhux vapuretti + karrakki tal-ħama | — | A12 |
| FRA | Flotta għat-tonn tropikali ffriżat | Bastimenti li jistadu bit-tartarun | — | H10 |
| FRA | Dipartimenti barra mill-pajjiż | Dipartimenti barra mill-pajjiż | — | I10 |
| FRA | Dipartimenti barra mill-pajjiż | Bastimenti tat-tonn | — | I11 |
| FRA | Il-Mediterran | Vapuretti li jintużaw għal skopijiet differenti | — | M11 |
| FRA | Il-Mediterran | Bastimenti li jintużaw għal skopijiet differenti, mhux vapuretti ħlief pelaġiċi | — | M13 |

| Pajjiż | Żona | Tip ta' sajd ("segment") | Żona ICES | Kodiċi |
|---|---|---|---|---|
| IRL | Ibħra kostali | Sajd tal-frott tal-baħar | — | Ċ24 |
| IRL | Ibħra Kostali u tal-Komunità | Xbieki tat-tkaxkir bit-travu | VI, VII | E11 |
| IRL | Ibħra Kostali u tal-Komunità | Vapuretti pelaġiċi | VI, VII | E15 |
| IRL | Ibħra Kostali u tal-Komunità | Bastimenti li jintużaw għal skopijiet differenti | VI, VII | E19 |
| ITA | Ibħra kostali | Vapuretti għall-ħut pelaġiku bil-par | — | Ċ13 |
| ITA | Ibħra kostali | Vapuretti tal-qiegħ u għall-ilma ta' nofs il-baħar | — | Ċ14 |
| ITA | Ibħra kostali | Karrakki tal-ħama manwali | — | Ċ15 |
| ITA | Ibħra kostali | Karrakki tal-ħama li jaħdmu bil-ġbid u ħruġ ta' żona (*suction dredgers*) | — | Ċ16 |
| ITA | Ibħra kostali | Xbieki (*netters*) | — | Ċ18 |
| ITA | Ibħra kostali | Lenzi twal u lenzi (*longlines* u *liners*) | — | Ċ20 |
| ITA | Ibħra kostali | Vapuretti li jintużaw għal skopijiet differenti | — | Ċ21 |
| ITA | Ibħra kostali | Bastimenti li jintużaw għal skopijiet differenti, mhux vapuretti | — | Ċ22 |
| ITA | Ibħra kostali | Bastimenti li jistadu bit-tartarun | — | Ċ23 |
| ITA | Ibħra ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Vapuretti tal-qiegħ | — | G15 |
| ITA | Ibħra ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Bastimenti li jintużaw għal skopijiet differenti, mhux vapuretti | — | G29 |
| ITA | Il-Mediterran | Vapuretti tal-qiegħ | — | M10 |
| ITA | Il-Mediterran | Bastimenti li jintużaw għal skopijiet differenti, mhux vapuretti | — | M12 |
| NLD | Ibħra kostali | Mhux vapuretti inkluż is-sajd tal-molluski | — | C17 |
| NLD | L-ibħra tal-Komunità | Xbieki tat-tkaxkir bit-travu (krustaċej u molluski) | — | E12 |
| NLD | L-ibħra tal-Komunità | Vapuretti pelaġiċi | — | E16 |
| NLD | L-ibħra tal-Komunità | Vapuretti b'arblu wieħed u żewġt iqlugħ (bl-eċċezzjoni tal-krustaċej u l-molluski) | — | E17 |
| PRT | Ibħra Kostali u tal-Komunità | Vapuretti (mat-terraferma) | — | B11 |
| PRT | Ibħra Kostali u tal-Komunità | Bastimenti li jintużaw għal skopijiet differenti (*Azores*) | — | B14 |
| PRT | Ibħra Kostali u tal-Komunità | Bastimenti li jintużaw għal skopijiet differenti, mhux vapuretti (mat-terraferma) | — | B15 |
| PRT | Ibħra Kostali u tal-Komunità | Bastimenti li jintużaw għal skopijiet differenti, mhux vapuretti (*Madeira*) | — | B16 |
| PRT | Ibħra Kostali u tal-Komunità | Bastimenti li jistadu bit-tartarun (*Madeira*) | — | B18 |
| PRT | Ibħra Kostali u tal-Komunità | Bastimenti li jistadu bit-tatrtarun għas-sardin (mat-terraferma) | — | B19 |
| PRT | Ibħra ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Bastimenti li jintużaw għal skopijiet differenti (*Azores*) | — | G23 |
| PRT | Ibħra ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Bastimenti li jintużaw għal skopijiet differenti + bastimenti għat-tonn (*Madeira*) | — | G25 |
| PRT | Ibħra ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Bastimenti li jistadu bit-tartarun għal skopijiet differenti + vapuretti + għat-tonn (mat-terraferma) | — | G27 |
| FIN | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi | Vapuretti (aringi tal-Baltiku) (mat-terraferma) | — | F21 |
| FIN | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi | Xbieki (*netters*) + lenzi twal (*longliners*) (salamun) (mat-terraferma) | — | F22 |
| FIN | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi | Bastimenti oħrajn (mat-terraferma) | — | F23 |
| FIN | Il-Golf tal-Finlandja | Bastimenti speċjalizzati (salamun) (mat-terraferma) | — | F24 |

| Pajjiż | Żona | Tip ta' sajd ("segment") | Żona ICES | Kodiċi |
|---|---|---|---|---|
| FIN | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi | Vapuretti (aringi tal-Baltiku) (il-gżejjer *Aaland*) | — | F25 |
| FIN | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi | Xbieki (*netters*) + lenzi twal (*longliners*) (salamun) (il-gżejjer *Aaland*) | — | F26 |
| FIN | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi | Bastimenti oħrajn (il-gżejjer *Aaland*) | — | F27 |
| SWE | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi | Vapuretti (krustaċej) | — | F28 |
| SWE | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi | Vapuretti pelaġiċi + bastimenti li jistadu bit-tartarun > 30 m | — | F29 |
| SWE | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi | Bastimenti li jintużaw għal skopijiet differenti | — | F30 |
| SWE | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi | Xbieki (*netters*) + lenzi twal tal-Baltiku (*longliners*) (merluzz u salamun) | — | F31 |
| SWE | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi | Bastimenti oħrajn | — | F32 |
| GBR | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Xbieki tat-tkaxkir bit-travu | — | F10 |
| GBR | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Vapuretti tal-qiegħ u bastimenti li jistadu bit-tartarun | — | F11 |
| GBR | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Vapuretti pelaġiċi | — | F12 |
| GBR | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Tagħmir fiss għall-krustaċej u għall-molluski | — | F13 |
| GBR | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Tagħmir mhux fiss għall-krustaċej u għall-molluski | — | F14 |
| GBR | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Xbieki (*netters*) + lenzi (*liners*) + demersali oħrajn | — | F15 |
| GBR | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Bastimenti *Nephrops* | — | F16 |
| GBR | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Bastimenti għall-ibħra mbiegħda | II, XIV | F17 |
| GBR | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Oħrajn > 10 m | — | F18 |
| GBR | Ibħra Kostali/tal-Komunità/ta' pajjiżi terzi/internazzjonali | Bastimenti li jintużaw għal skopijiet differenti, mhux vapuretti < 10 m | — | F19 |

*L-ANNESS II*

## SFORZI TAS-SAJD

### DEFINIZZJONI TA' L-ISFORZI TAS-SAJD TA' INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TINTBAGĦAT U DESKRIZZJONI TAR-REĠISTRU

A. **Dikjarazzjonijiet individwali għal kull segment jew medda fejn isir is-sajd**

| Isem taż-żona | Wisa | Allinja-ment | Definizzjoni u rimarki |
|---|---|---|---|
| Indikatur aġġornanti | 3 | — | Kodiċi li jidentifika t-tip ta' dikjarazzjoni (ara t-Tabella 1) |
| Entità li qed tiddikjara | 3 | — | L-Istat Membru (Kodiċi ta' l-ISO *Alpha-3*) li qed jagħmel id-dikjarazzjoni |
| Kodiċi tas-segment | 3 | — | Kodiċi tas-segment (ara l-Anness I) fejn saret l-attività |
| Kodiċi tal-medda fejn isir is-sajd | 2 | — | Kodiċi tal-medda fejn isir is-sajd (ara l-Anness I) fejn saret l-attività |
| Sena ta' osservazzjoni | 4 | — | Sena jew parti mis-sena (SSSS) tul liema l-bastiment qed jiġi osservat |
| L-ewwel xahar | 2 | — | L-ewwel xahar (XX) tal-perjodu ta' osservazzjoni |
| L-aħħar xahar | 2 | — | L-aħħar xahar (XX) tal-perjodu ta' osservazzjoni |
| Attività | 3 | R | Numru ta' ġranet li tqattgħu fil-baħar (bħala numru sħiħ) mill-bastiment fis-segment tul il-perjodu ta' osservazzjoni |
| Il-bastiment li kien taħt osservazzjoni | 12 | L | Numru intern (ara l-Anness I tal-Regolament (KE) Nru 2090/98) tal-bastiment li qed tiġi dikjarata l-attività tiegħu |
| L-Isem tal-bastiment | 40 | L | Il-bastiment li qed tiġi dikjarata l-attività tiegħu |

B. **Dikjarazzjonijiet aggregati per segment jew medda fejn isir is-sajd**

| Isem taż-żona | Wisa | Allinja-ment | Definizzjoni u rimarki |
|---|---|---|---|
| Indikatur aġġornanti | 3 | — | Kodiċi li jidentifika t-tip ta' dikjarazzjoni (ara t-Tabella 1) |
| Entità li qed tiddikjara | 3 | — | Stat Membru (Kodiċi ta' l-ISO *Alpha-3*) li qed jagħmel id-dikjarazzjoni |
| Kodiċi tas-segment | 3 | — | Kodiċi tas-segment (ara l-Anness I) fejn saret l-attività |
| Kodiċi tal-medda fejn isir is-sajd | 2 | — | Kodiċi tal-medda fejn isir is-sajd (ara l-Anness I) fejn saret l-attività |
| Sena ta' osservazzjoni | 4 | — | Sena jew parti mis-sena (SSSS) tul liema l-bastiment qed jiġi osservat |
| L-ewwel xahar | 2 | — | L-ewwel xahar (XX) tal-perjodu ta' osservazzjoni |
| L-aħħar xahar | 2 | — | L-aħħar xahar (XX) tal-perjodu ta' osservazzjoni |
| Sforz/qawwa | 14 | R | Numru ta' kW (bħala numru sħiħ) immoltiplikat bin-numru ta' ġranet li tqattgħu fuq il-baħar (bħala numru sħiħ) biex b'hekk jirriżulta l-isforż tas-sajd (*fishing effort*) fis-segment tul il-perjodu ta' osservazzjoni ([1]) |
| Sforz/tunnellaġġ | 14 | R | Numru ta' tunnellati (bħala numru sħiħ) immoltiplikat bin-numru ta' ġranet li tqattgħu fuq il-baħar (bħala numru sħiħ) biex b'hekk jirriżulta l-isforż tas-sajd fis-segment tul il-perjodu ta' osservazzjoni ([2]) |

([1]) Ikkalkulat bħala $\Sigma(i = 1, n)a_iP_i$ fejn n huwa n-numru ta' bastimenti fis-segment, $a_i$ huwa n-numru ta' ġranet li tqattgħu fuq il-baħar mill-bastiment fis-segment tul il-perjodu ta' osservazzjoni u $P_i$ huwa l-qawwa medja tal-bastiment fis-segment tul il-perjodu ta' osservazzjoni.

([2]) Ikkalkulat bħala $\Sigma(i = 1, n)a_iJ_i$ fejn n huwa n-numru ta' bastimenti fis-segment, $a_i$ huwa n-numru ta' ġranet li tqattgħu fuq il-baħar mill-bastiment fis-segment tul il-perjodu ta' osservazzjoni u $J_i$ huwa t-tunnellaġġ medju tal-bastiment fis-segment tul il-perjodu ta' osservazzjoni.

**Tabella 1 — Kodiċi għall-indikatur aġġornanti**

| | |
|---|---|
| Dikjarazzjonijiet għal kull segment jew medda fejn isir is-sajd | SEG |
| Tneħħija tad-dikjarazzjonijiet għal kull segment jew medda fejn isir is-sajd | DSG |